VERŻJONI ELETTRONIKA

K.L.B.L. 24/3/2012

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Bye-Laws tal-2012 dwar Attivitajiet f'Għar San Brinkat (Kunsill Lokali Ħal Għargħur)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2012 dwar Attivitajiet f'Għar San Brinkat (Kunsill Lokali Ħal Għargħur). Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta

2. F'dan il-Bye-Laws, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx meħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"applikant" tfisser kull persuna li tapplika għal permess skont dawn il-*bye-laws* u tinkludi individwu, kumpannija, każin u għaqda;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"attività" tfisser kull attività li ssir fil-beraħ u li dwarha japplikaw dawn il-*bye-laws*;

"*barbecue*" tinkludi tisjir jew xiwi ta' oġġetti, li jsir b'kull mezz, inkluż nar dirett jew sostnut bil-gas jew inkella b'xi mezz ieħor;

"jum" tfisser ġurnata ta' xogħol li fih jiftaħ l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Ħal Għargħur kif jidher fit-Tieni Skeda tal-Att;

"Għar San Brinkat" tfisser is-sit kif elenkat fl-Iskeda.

3. Mingħajr preġudizzju għal kull liġi oħra li tipprovdi għall-ħtieġa ta' xi permess ieħor minn xi awtorità oħra, ħadd ma jista' jorganizza attività f'Għar San Brinkat, mingħajr l-awtorizazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-*bye-laws*: Attivitajiet f'Għar San Brinkat.

Iżda l-ebda awtorizazzjoni bil-miktub mill-Kunsill skont dawn il-*bye-laws* ma tkun meħtieġa sabiex tiġi organizzata xi attività f'Għar San Brinkat, sakemm l-attività tkun limitata għal mhux aktar minn tliet persuni.

Permess.

4.1. Il-Kunsill jista' fuq l-applikazzjoni ta' kull persuna, jagħti permess sabiex issir xi attività f'Għar San Brinkat, b'dan li dak il-permess jista' jkun soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Kunsill jidhirlu xierqa.

Kobor tal-attività.

4.2. L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill Lokali mill-anqas jumejn qabel d-data tal-attività. Fl-applikazzjoni, l-applikant għandu jindika n-natura tal-attività u għal kemm persuni l-attività li dwarha jkun qed jitlob permess tkun intiża u fin-nuqqas li jagħmel dan, għandu jiġi preżunt li l-attività tkun intiża għal aktar minn tliet persuni.

Garanzija.

4.3. Il-Kunsill Lokali jista' jitlob li jsir depositu jew tiġi provduta garanzija bankarja ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) favur tiegħu sabiex jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' ssir u għal kull ħmieġ li jista' jithalla.

Tindif.

4.4. Kull applikant għandu jibqa' responsabbli għat-tindif tas-sit wara l-attività.

Daqq ta' mużika.

4.5. Ma jistax isir daqq ta' mużika, ikun xi jkun il-mezz użat, li tkun tinstema' f'distanza ta' aktar minn għaxar metri.

Projbizzjoni ta' *barbecue*.

4.6. Ebda persuna ma jista' jagħmel *barbecue* f'Għar San Brinkat.

Drittijiet.

5. L-ebda permess ma għandu jingħata sakemm l-applikant ma jħallasx dritt lill-Kunsill ta' għaxar euro (€10) għal kull jum jew parti minnu li matulu jkun ser issir l-attività li tkun ser tiġi organizzata f'Għar San Brinkat.

Penali.

6.1. Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew li tonqos li taderixxi ma' xi kundizzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u tista', meta tinsab ħatja teħel ammenda ta' mhux aktar minn sebgħin euro (€70) għal kull kontravvenzjoni.

6.2. Il-Kunsill jista', b'żjieda mal-penali stabbiliti fil-*bye-law* 6.1, jordna lill-persuna li tinsab ħatja ta' kontravvenzjoni li tagħmel it-tiswijiet u t-tindif meħtieġ li jkunu għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

6.3. Il-Kunsill ikollu dritt jagħmel it-tiswijiet u t-tindif skont kif meħtieġ bl-ispejjeż fuq il-persuna li tinsab ħatja.

SKEDA

Għar San Brinkat



